# L-illegalitajiet tal-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa 2018 miġburin f'rapport li se jintbagħat lill-Kummissjoni Ewropea

## BirdLife Malta xxandar video li jagħti rendikont fil-qosor ta' dak li ġie osservat tul il-kamp annwali Spring Watch

BirdLife Malta llum qed ixxandar ***video*** li jagħti rendikont fil-qosor ta' dak li ħareġ mill-kamp annwali Spring Watch li sar bħas-soltu anke din is-sena biex jissorvelja l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa madwar Malta u Għawdex għall-illegalitajiet.

Dawn il-filmati, li issa se jintbagħtu lill-Kummissjoni Ewropea bħala parti minn rapport dwar l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa 2018, jirrakkontaw b'mod kronoloġiku l-illegalitajiet li osservajna kuljum tul l-istaġun u l-*video* jiġbor l-inċidenti prinċipali li t-timijiet tagħna ltaqgħu magħhom tul il-ġranet kollha tal-istaġun – għal total ta' 148 każ ta' kaċċa illegali fuq għasafar protetti li kienu qed ipassu tul din ir-rebbiegħa, b'mod partikolari l-Gamiema li llum hija tajra protetta.

**Sfond**

Wara l-moratorju fuq il-kaċċa għall-Gamiem tul ir-rebbiegħa li ġie introdott fl-2016, il-Gvern Malti din is-sena għażel b'mod konxju li jiftaħ staġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa għas-Summiena matul il-perjodu li fih tpassi l-Gamiema minn fuq il-Gżejjer Maltin. L-istaġun infetaħ bejn l-1 u l-21 ta' April u matulu total ta' 6,900 kaċċatur madwar Malta u Għawdex kienu reġistrati biex jikkaċċjaw. L-istaġun infetaħ kontra kull parir xjentifiku u kontra l-pariri mogħtija lill-Gvern minn BirdLife Malta u mill-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi (ERA). Il-kaċċaturi suppost setgħu jisparaw biss fuq is-Summien, bi kwota nazzjonali ta' 5,000 għasfur.

**Qtil rampanti ta' Gamiem protett**

Minkejja f'dan, kif antiċipat BirdLife Malta, minħabba l-bidla fid-dati tal-istaġun, il-kaċċa illegali għall-Gamiem madwar il-pajjiż kienet rampanti u l-istaġun serva bħala paraventu biex il-kaċċaturi jisparaw mingħajr xkiel fuq din l-ispeċi vulnerabbli u *red-listed*. F'Malta u Għawdex inqatlu eluf ta' Gamiem, b'mod speċjali fl-aħħar jiem tal-istaġun meta l-passa kienet fl-aqwa tagħha u l-kaċċa illegali għal dan l-għasfur kienet bla kontroll. Il-voluntieri tagħna fil-kampanja nnutaw dan waqt ir-rondi tagħhom bħala parti mill-iSpring Watch hekk kif bħala parti minn dan il-kamp saret ħidma ta' sorveljanza mill-bidu sat-tmiem tal-istaġun.



**Rendikont fil-qosor tal-illegalitajiet osservati**
F'kull ġurnata tal-istaġun kellna medja ta' żewġ timijiet fil-kampanja jissorveljaw dak li kien qed jiġri. Dawn osservaw xejn inqas minn 148 każ ta' kaċċa illegali, fosthom kaċċa fuq diversi speċi protetti oħrajn li kienu qed ipassu minn fuq Malta din ir-rebbiegħa, minbarra l-Gamiema. Din li ġejja hija lista fil-qosor:

- Il-bidu tal-istaġun kien ikkaratterizzat mis-sejba ta' għadd ta' apparat tal-għajjat elettroniku (electronic callers) li huwa illegali, b'ħafna minn dan l-apparat jitħalla jopera mingħajr ftit li xejn infurzar min-naħa tal-pulizija.

- 30% tal-każi ta' kaċċa illegali kienu jinvolvu sparar fuq speċi protetti, il-maġġoranza tagħhom l-qtil ta' Gamiem protett, speċjalment tul l-aħħar ġimgħa tal-hekk imsejjaħ 'staġun għall-kaċċa tas-Summien'.

- Fost speċi oħra li ġew osservati qed jiġu kkaċċjati illegalment tul l-istaġun kien hemm: irsieset, Daqquqa Kaħla, Kokka tax-Xagħri, Farruġ, Spanjulett u Spanjulett Sekond, u diversi tipi ta' Bagħdan bħall-Bagħdan Aħmar, il-Bagħdan Abjad u l-Bagħdan Griż.

- Tul il-perjodu tal-istaġun instabu 18-il għasfur protett ferut jew maqtul minn membri tal-pubbliku li huwa numru ogħla mill-2017. 14 minn dawn ġew mgħoddija direttament lil BirdLife Malta waqt li erbgħa oħra nġabru mill-awtoritajiet. Dan jagħmel mill-istaġun ta' din is-sena wieħed mill-agħar staġuni tal-kaċċa fir-rebbiegħa f'dawn l-aħħar snin, żgur agħar minn tas-sena l-oħra.

- Għaldaqstant, l-ammont ta' għasafar protetti kkonfermati mill-veterinarja tal-Wild Birds Regulation Unit (WBRU) bħala vittmi tal-kaċċa illegali mill-ewwel tas-sena sal-aħħar ta' April 2018 (li allura jinkludu t-18 tal-istaġun tal-kaċċa tar-rebbiegħa) jitla' għal 27. Dan l-ammont huwa ogħla minn dak tal-istess perjodu s-sena l-oħra, li kienet l-agħar sena fl-aħħar ħames snin f'dan ir-rigward. Għalhekk huwa inkwetanti li din is-sena diġà qed naraw sena ħafna agħar fejn tidħol kaċċa illegali.

**Farka żgħira mill-istampa sħiħa**
Dan kollu jirrappreżenta biss farka żgħira mill-kaċċa illegali li kkaratterizzat l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa ta' din is-sena. Fil-ġimgħat li ġejjin l-awtoritajiet tal-Gvern se jissottomettu rapport lill-Kummissjoni Ewropea, f'tentattiv li jiġġustifikaw l-applikazzjoni tad-deroga għall-kaċċa għas-Summien tul ir-rebbiegħa. Fuq din l-informazzjoni l-Kummissjoni Ewropea, min-naħa tagħha, tkun mistennija tiġġudika l-validità tal-istaġun ta' din is-sena.

**Ir-rapport ta' BirdLife Malta lill-Kummissjoni Ewropea**
Dawn il-filmati huma parti essenzjali minn rapport li anke BirdLife Malta se tkun qed tressaq quddiem id-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea għall-Ambjent, u li permezz tiegħu se nitolbu lill-Kummissjoni tiddikjara jekk id-deċiżjoni li tkun permessa l-kaċċa tul iż-żmien meta l-passa tal-Gamiem tkun fl-aqwa tagħha tmurx kontra l-ispirtu tad-Direttiva Ewropea tal-Għasafar u kull forma ta' deroga minn din id-Direttiva.



**Il-*video* li qed noħorġu llum huwa biss estratt ta' dak li nnutaw it-timijiet tagħna ta' Spring Watch waqt l-istaġun mifrux fuq tliet ġimgħat, b'rakkont ta' dak li ġara tul l-istaġun ġurnata b'ġurnata...u jesponi r-realtà kerha tal-kaċċa fir-rebbiegħa f'Malta u l-impatt li din qed ikollha fuq l-għasafar tal-Ewropa, b'mod partikolari fuq il-Gamiema li kulma jmur in-numri tagħha qegħdin jonqsu!**

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Niżżel il-video minn hawn: https://youtu.be/LwAWthQZM70**

- SPRING WATCH 2018: rendikont tal-illegalitajiet tal-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa ta' din is-sena (Filmati ta' BirdLife Malta, muntaġġ ta' Kinga Kupska)

